MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

**21 ta' Awwissu, 2018**

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL- KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qed tgħarraf lill-pubbliku li:

L-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur (iktar 'il quddiem imsejjaħ l-Uffiċċju) għandu f'idejh għadd konsiderevoli ta' lmenti kontra l-kumpanija segwenti:

**A.P.C. TRAVEL BUREAU LIMITED (C 16100)**

Dawn l-ilmenti huma relatati ma' każijiet rigward prenotazzjonijiet (*bookings*) imħallsin minn qabel u li ma ġewx ikkonfermati, minkejja wegħdiet minn naħa tal-kumpanija li s-sitwazzjoni ser tittranġa. Kien hemm numru ta' lmenti li ġew reġistrati għand l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, u ż-żewġ entitajiet qed jaħdmu flimkien fuq dan il-każ sabiex jassistu lill-konsumaturi.

In viżta ta' dawn iċ-ċirkostanzi, l-Uffiċċju ħa jkun qed janalizza u jikkunsidra jiħux kwalunkwe azzjoni/azzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet relevanti fl-Att għall-Affarijiet tal-Konsumatur kontra A.P.C. Travel Bureau Limited.

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) qiegħda wkoll tavża li l-liċenzja ta' A.P.C. Travel Bureau Limited ġiet irtirata mill-Awtorità' tat-Turiżmu ta' Malta u nħareġ Avviż ta' Infurzar fit-2 ta' Awwissu 2018 fejn ġie ordnat li b'mod immedjat tieqaf milli tieħu prenotazzjonijiet (*bookings*) għall-ivvjaġġar kif ukoll li tonora il-prenotazzjonijiet eżistenti ma A.P.C. Travel Bureau Limited. Dan wara diversi twissijiet maħruġa mill-Awtorità' tat-Turiżmu ta' Malta u fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fond għall-Insolvenza tal-istess Awtorità.

Kull ilment jew xi mistoqsijiet rigward din il-Kumpanija għandu jiġi ndirizzat lill-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fuq info@mccaa.org.mt, fuq *freephone* 8007 4400 jew fuq 23952000. Wieħed jista' wkoll jirreġistra l-ilment onlajn fuq https://mccaa.org.mt/home/complaint jew iżur l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda bejn it-8.00am u 12.30pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

Josephine Borg
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)